**FIL-BORD TAL-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2000**

**Rikors Nru: 1/96**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Lilian Attard, Philip Attard u Andrew Attard**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi b'ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 1994 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li d-dar Nru 72, il-Mezzanin Nru 73 u l-Kantina Nru 74, Triq San Guzepp. il-Belt Valletta u huma indikati bhala item Nru 6, 7 u 8 fl-imsemmija dikjarazzjoni huma mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghhom ghandhom jkun b'titolu ta' dominju pubbliku.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas b'titolu ta' dominju pubbliku ghall-fondi fuq imsemmija huwa ta' disa' u erbghin liri Maltin (Lm49) fis-sena kwantu ghall-fond Nru 72, ta' sittax il-Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm16.80,0) fis-sena kwantu ghall-fond Nru 73 u ta' sitt Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm6.72,0) fis-sena kwantu ghall-fond Nru 74.

Illi b'ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru 1994 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun a bazi ta' xiri assolut bi hlas skond il-ligi..

Talab bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' dominju pubbliku l-fondi fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-

Dipartiment tal-Artijiet jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ra ir-risposta tal-intimati (a fol 10 tal-atti) li biha esponew bir-rispett illi l-esponenti jopponu ruhhom ghat-talba tar-rikorrent ghat-trasferiment favur tieghu tal-fondi 72, 73, 74, Triq San Guzepp, Valletta b'titolu ta' dominju pubbliku u ghall-iffissar tal-kumpens f'termini ta' kera u dan stante li dawn il-fondi m'ghadhomx jezistu u dan wara li kienu gew illegalment demoliti mill-awtoritajiet fl-1973 meta dakinhar - u precizament fit-12 ta' Lulju 1973 - kienu gew dikjarati mehtiega ghal skop pubbliku u gew akkwistati b'pussess u uzu (dok. A).

Illi r-rikorrent kien ukoll ippresenta rikors fil-5 ta' Dicembru 1973 (dok. B) quddiem dan il-Bord u permezz tieghu talab li l-fondi imsemmija jigu trasferiti lilu b'titolu ta' pussess u uzu u sabiex jigi iffissat il-kera relattiv.

Illi b'ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 1991 (dok. C), l-esponenti regghu avzaw lir-rikorrent li l-imsemmija fondi kienu gew demoliti illegalment u ghalhekk interpellawh biex jersaq ghal hlas ta' kumpens xieraq in vie ta' xiri assolut skond kif titlob il-ligi.

Illi r-rikorrent naqas li jaghmel dan u baqa' jinsisti li jhallas kumpens inadegwat f'forma ta' kera fuq fondi inezistenti li kien ilhom zmien twil li gew demoliti mill-awtoritajiet u in fatti wara li ceda l-atti tar-rikors originali intavolat fl-1973, ippresenta r-rikors odjern.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent kif impostata ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi r-rikorrenti, in konnessjoni mal-fatti in ezami, ipproduca xhud wiehed biss ossija Carmel Falzon (a fol 33 et seq tal-atti) u dan in rapprezentanza tal-"Land Valuation Officer" liema xhud esebixxa ukoll id-dokument a fol 35 tal-istess atti. L-istess xhud specifika in konnessjoni mal-fondi indikati fl-istess rikors, li l-valur lokatizju annwali ta' dawk bin-numru 73 u 74 kien jammonta totalment ghal Lm14.75, 0 waqt li in rigward dawk bin-numru 72 (appartamenti numru 1 u 2), l-istess valur kien gie iffissat mill-Bord tal-Kera fl-ammont ta' kera globali ammontanti ghal Lm35, b'kollox Lm49.75,0.

Illi l-intimata Lilian Attard (a fol 41 ibid) da parti taghha specifikat b'referenza ghall-istess fondi demoliti li kienu jircievu kera attwali ta' Lm56.60 fis-sena u b'hekk a bazi tal-kriterji skond il-ligi 'in materia', il-kumpens xieraq ghandu jkun ta' Lm79.24,0.

Ikkunsidra

Illi fir-rikors promotorju jinghad li l-istess fondi huma rikjesti ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghhom ghandu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku (ara wkoll Dok. A. a fol 5 tal-process bin-numri 6, 7 u 8). L-istess ligi 'in materia' ossija l-kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-artikolu 27 (13) tistipula li "l-akkwist ta' xi art b'dominju pubbliku ghandu jkun daqs il-kera ta' akkwist li dwarha jisthoqq skond id-dispozizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (2) sa (12) kollha maghdudin ta' dan l-artikolu biz-zieda a) ta' l-40% fil-kaz ta' bini belti qadim ....". Hawnhekk jinghad li l-bini in kwistjoni jidher li gie demolit izda jidher ukoll li in rigward dan il-punt, l-istess Bord mhux it-Tribunal kompetenti sabiex jinghata xi rimedju.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz u a bazi tal-premess il-kumpens xieraq annwali jidher li hu Lm69.65,0 u dan a bazi tal-kriterji u kera hawn fuq premessi u mhux a bazi ta' dak li xehdet l-intimata, kif hawn fuq sintetizzat.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u;

a) jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur l-istess rikorrenti. b'titolu ta' dominju pubbliku l-fondi 72, 73 u 74, Triq Guzepp fil-Belt Valletta;

b) jiffissa il-kumpens relattiv fl-ammont ta' Lm69.65,0 fis-sena u dan b'effett mill-24 ta' Settembru 1991 (ara fol 5 ibid);

c) jinnomina lill-imsemmi Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Atijiet jew is-sostitwit tieghu, sabiex jippublika l-att relattiv fis-16 ta' Lulju 2000 fid-9.00a.m. fl-istess Dipartiment;

d) jinnomina lill-Avukat Dr Anthony Cutajar bhala kuratur ghall-kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Gaetano Galea
Dep.Reg.